# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 510/97

Anthony Parnis

vs

Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 6 ta’ Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1988 u s-snin ta’ wara huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatt tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien impjegat bhala Kuntistabbli tal-Pulizija fi hdan l-Admiralty Constabulary tal-Gvern Ingliz bejn it-28 ta' Jannar 1957 u t-3 ta' Dicembru 1978. Wara li l-Forzi Inglizi telqu minn Malta fl-4 ta' Dicembru 1978, ir-rikorrent ingagga ruhu mar-Revenue Security Corps.

Bejn is-26 ta' Jannar u t-13 ta Frar tal-1987 ir-rikorrent flimkien ma' sitt membri ohra tal-Korp attenda Cadre Course liema kors temmu b'success u gie klassifikat fit-tielet post.

Minkejja dan kollu meta f'Mejju tal-1988 inhargu l-promozzjonijiet ir-rikorrent ma nghata l-ebda promozzjoni. Ta' min josserva illi tnax-il membru tal-Korp li hafna minnhom ma kienux ghamlu l-Cadre Course u wiehed minnhom sahansitra gie klassifikat wara r-rikorrent fl-istess Cadre Course inghataw promozzjonijiet ghal "Lance Bombardier" "Bombardier" Surgenti u "Staff Surgents".

Wara l-1988 kien hemm bosta okkazjonijiet ohra fejn inhargu promozzjonijiet li kienu jvarjaw minn "Lance Bombardier", "Bombardier" Surgenti sa "Staff Surgents", u l-unika promozzjoni li nghata r-rikorrent kienet dik ghal "Lance Bombardier".

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi meta huwa jirtira mis-servizz jibda jiehu pensjoni ferm inferjuri ghal dik li jkun intitolat ghaliha li kieku nghata l-promozzjonijiet li kien jimmeritah.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni b’effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar min Lm5000 u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi ma jirrizultax li fil-promozzjonijiet ta’ wara dawk li saru b’effett mill-11 ta’ Mejju 1988 cioe’ dawk li saru b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1990 ir-rikorrent ressaq xi lment kif jidher li kien ghamel f’dawk tal-1988. Ghaldaqstant ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta’ l-Artikolu 5(3) (b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 fil-kaz ta’ l-imsemmija promozzjonijiet cioe’ dawk tal-1990 peress illi r-rikorrent

naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi veru li bejn Jannar u Frar tal-1987 ir-rikorrent kien attenda u ghadda fil-Cadre Course li hu qed isemmi izda dan wahdu ma jammontax ghal xi kwalifikazzjoni unika biex hu kellu jigi promoss kif donnu qed jaghti wiehed x'jifhem li kellu jkun. Barra minn hekk it-tnax-il promozzjoni li hu qed isemmi ma sarux kollha fir-rank li hu kien qed jistenna li jigi promoss fih izda kienu mqassmin 4 Staff Sargeants, 4 Sargeants, Bumbardier wiehed u Lance Bumbardiera cioe' dan ta' l-ahhar huwa dak ir-rank li hu kien qed jaspira ghalih. Wiehed irid ta' bilfors irid jispjega li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatax abbazi ta' rizultat f'xi cadre course biss izda primarjament abbazi ta' effeicjenza kif ukoll abbazi ta' anzjanita', kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, prefrenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII tal-1997. Tajjeb ukoll wiehed jiccara li fil-promozzjonijiet b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 minn dawk li gew promossi u li kienu *junior* tar-rikorrent kollha gabu marka ghola minn dik tar-rikorrent (fil-course li hu qed isemmi) barra wiehed li wara kollox gab marka daqs ir-rikorrent.

Oltre minn hekk jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-

zmien li jidher li mexa skond il-kriterji msemmija fil-paragrafu precedenti.

Illi barra z-zewg okkazzjonijiet msemmija aktar ‘il fuq promozzjonijiet saru wkoll fl-1992 apparti dawk li saru fl-1996 li dawn ta’ l-ahhar ma jaqawx fit-terminu taz-zmien ghall-applikazzjoni ta’ l-Att VIII tal-1997. Ma jirrizultax li kien hemm bosta okkazzjonijiet fejn inghataw promozzjonijiet u ghaldaqstant dak li r-rikorrent qed jallega mhux korrett. Fil-fatt ir-rikorrent kien gie promoss ghar-rank ta’ Lance Bombardier, cioe’ r-rank li hu ghandu bhalissa, fl-1992.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu f’xi riferenza ghall-promozzjonijiet li saru fil-1990 u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Illi Fis-16 ta' Marzu 1999 Lt. Col. Schembri ddikjara li kien qed jirtira l-eccezzjoni dwar l-Artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

Ikkunsidra li xehed Anthony Parnis fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Esebixxa r-rizultat tal-Cadre Course fejn hu gie klassifikat it-tielet b'numru 118. Izda hu xorta ma hax il-promozzjoni. Ha l-promozzjoni ghal Lance Bumbardier fl-20 ta' Jannar 1992. Esebixxa certifikat mis-Servizz Ingliz li dejjem ta servizz tajjeb u qatt ma kien hemm complaints fuqu, u dokument li juri li kien segwa course tas-Civil Defence fejn kien inghata full grades. Esebixxa wkoll dokument li juri li kien ghamel 25 sena servizz u ma kellu l-ebda complaint fuqu u dejjem ghamel xoghlu. Zied jghid: "Dwar il-promozzjonijiet li kienu hargu fl-1988 jiena nista' nsemmi lil dawn in-nies li ghamlu l-Cadre Course warajja izda lehqu qabli jigifieri hadu l-promozzjoni qabli. Nista nsemmi lil 107 Vella, 113 Attard, 142 Micallef, 149 Pace nista' nzid ukoll li dawn in-nies li ghadni kif semmejt m'ghandhomx ic-certifikati hekk kif kelli jiena kif jidher fid-dokumenti li ghadni kif esebejt."

Xehed Daniel Bottiglieri li semma li qabel kien jahdem fl-Ammiraljat imbaghad spicca u beda jahdem mar-Revenue Security Corps u dam sal-1989. Fl-1983 kien fizzjal, Administrative Officer u r-rikorrent kien jigi tahtu. Xoghol ir-rikorrent kien ta' gunner private. Iddeskriva lir-rikorrent bhala obbidjenti fuq xogholu kemm meta kien fil-bonds u kemm meta kien driver. Qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-

konfront tieghu. Ir-rikorrent kien gie rakkomandat biex jaghmel il-cadre course u fil-fatt kien segwa dan il-course.

Lt. Col. Mario Schembri pprezenta dokument dwar il-promozzjonijiet li saru b'effett mill-15 ta' Mejju 1988 fir-Revenue Security Corps minn Gunner ghall-Lance Bombardier. Isem ir-rikorrent qieghed muri t-tielet wiehed shaded bil-griz, ma jfissirx li ha l-promozzjoni dak in-nhar pero' biex juru postu fis-seniority ta' dak in-nhar. Ir-rikorrent kien attenda Lance Bumbardier's Cadre Course bejn is-26 ta' Jannar u t-13 ta' Frar 1987, u kien gab il-grading C. L-A huwa l-ghola grad u D huwa l-inqas grad. Attendew l-istess Cadre Course. Il-cadre course m'ghandux order of merits.

Major Krispinu Camilleri xehed li jiftakar lir-rikorrent li kien fir-Revenue Security Corps. Kien wiehed minn ta' l-ewwel. Kien wiehed li dahal mieghu minn tal-bidu, u qabel kienu gunners flimkien. Semma li fit-28 ta'April 1989 ha over fuq ir-Revenue Security Corps. Qal li r-rikorrent kien li tqabbdu jaghmel u anke xi extra duties ta' l-MMU. Parnis, ir-rikorrent ma kienx jifforma parti minn l-RSIS. Fir-rigward ta' Anthony Parnis u William White semma li dawn it-tnejn kienu ta' l-istess livell. Huma kienu jobdu, kienu jsegwu x-xoghol. Qal li ma jaf l-ebda raguni ghaliex dak inhar fl-1988 Parnis ma hax il-promozzjoni.

**KONKLUZJONIJIET**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ikkunsidra li dwar Vella u Attard li saru minn qablu ma hemmx x'wiehed jghid ghax apparti seniority precedenti dawn kellhom Cadre Course superjuri u cioe' A u B waqt li r-rikorrent kellu C.

Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem biezel u ta' diversi kwalitajiet posittivi. Is-superjuri tieghu fahhruh fuq xoghlu u ghalhekk ma kienx hemm ragunijiet negattivi biex ma jilhaqx sakemm ma kienx hemm min kien warajh li kellu kwalitajiet pozittivi aktar minnu. Lehqu hamsa minn warajh li pero' tlieta minnhom kellhom ACE 3 waqt li r-rikorrent ma kellu xejn. Dawn it-tlieta u cioe' Micallef, Pace, u Azzopardi kellhom A, A, u B fil-Cadre Course u ghalhekk superjuri

ghar-rikorrent li kellu C. Bhala Trades wiehed kellu kwalifiki daqsu, wiehed ftit anqas, u l-iehor ma kellux izda kollox ma’ kollox wiehed ma jistax isib certament li saret xi ingustizzja meta r-rikorrent ma hax il-promozzjoni u haduha Micallef, Pace, u Azzopardi.

Izda l-promozzjoni haduha Roberts u White ukoll. Dawn it-tnejn bhar-rikorrent ma kellhomx ACE. Bhala Cadre Course waqt li r-rikorrent kellu C, Roberts kellu B, u White kellu C. Bhala Trades Roberts ukoll kien superjuri ghar-rikorrent u ghalhekk hawn ukoll ma jidhirx li kien hemm xi ingustizzja li jsir Roberts u mhux ir-rikorrent. Izda bil-maqlub jinghad fil-kaz ta’ White ghax dan kellu kwalifiki identici ghar-rikorrent kemm ACE, Cadre Course, u Trades u seniority anqas minnu u xorta wahda hu sar waqt li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni. Hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li rrizultat gustifikata, jilqa’ t-talba tar-rikorrent, u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bombardier b’effett mill-11 ta’ Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.